MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-22 ta' Jannar, 2013

Rikors Numru. 447/2012

**vs**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremetta:

Illi l-partijiet izzewgu fit-tlieta (3) ta’ Ottubru tas-sena elf disa’ mija u sitta u sebghin (1976);

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b’kuntratt redatt minn Nutar Dottor Marco Burlo fl-erbgha (4) ta’ April tas-sena elfejn u tnejn (2002) hawn anness u mmarkat bhala Dok A;

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra illi ilhom snin twal mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

Illi t-tfal huma maggorenni;

Illi l-manteniment dovut lill-intimata dejjem inghata u ser jibqa' jinghata u dan skond il-ftehim fil-kuntratt ta' separazzjoni;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artiklu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju bejn il-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta tal-intimata li permezz taghha ppremettiet:

1. Illi l-intimata qieghda tikkontesta t-talba maghmula mir-rikorrent ghal pronunzjament tal-hall taz-zwieg ta' bejniethom peress illi ma hiex qieghda tircievi manteniment adekwat skond ic-cirkostanzi partikolari taghhom;
2. Illi difatti jigi rilevat li r-rata ta' alimenti pagabbli lill-intimata qatt ma gie rivedut tul dawn l-ahhar ghaxar snin filwaqt li n-negozju u d-dhul tar-rikorrent baqa` dejjem jizdied sostanzjalment;
3. Illi jigi rilevat inoltre li jekk wiehed kellu biss jikkalkola z-zjieda fir-rata tal-alimenti a bazi tal-indici ta' inflazzjoni, ir-rata mensili pagabbli kien ikollha tizdied minn €1351 ghal €1712;
4. Illi barra minnhekk jigi rilevat ukoll li l-ammont stipulat fil-kuntratt ta' separazzjoni fis-somma ta' LM400 (illum €931.75) fis-sena, l-intimata ghadha qatt ma receviethom sal-gurnata tal-lum.

5. Illi ghalhekk tenut kont tas-suespost id-dritt tal-intimata li tibqa` tircievi l-alimenti skond il-ligi minghand zewgha ser jigu ppregudikati serjament bil-pronunzja tal-hall taz-zwieg hekk kif mitlub mir-rikorrenti.
6. B'riserva li tressaq risposti ulterjuri ta' kontestazzjoni jekk ikun il-kaz fil-mori ta' dawn il-proceduri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-10 ta' Settembru, 2012;

Semghet lill-partijiet jixhdu bil-gurament taghhom;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semghet it-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Il-Qorti rat illi l-intimata qeghda toggezzjona illi iz-zwieg tal-partijiet jigi mahlul peress illi skond hi ir-rikorrenti mhux dejjem hallas il-manteniment dovut skond il-kuntratt ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet. Fit-tieni lok l-intimata toggezzjona ghat-talbiet fir-rikors promotur peress illi skond hi id-dritt taghha li tibqa tircievi l-manteniment skond il-Ligi minghand ir-rikorrenti jigi pregudikat serjament bil-pronunzja tal-hall taz-zwieg.

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta mill-provi prodotti illi ir-rikorrenti hallas l-ammonti kollha li kellu jhallas lill-intimata, anzi hallas aktar minn dak dovut minnu. Ir-rikorrenti xehed illi kien jigi fuqu ibnu u kien jghidlu "hallas dan il-kont tat-taxxa ta' ommi", jigifieri l-intimata u huwa dejjem qabad u hallas. Ir-rikorrenti xehed illi ma kienx joqghod jaghti kaz ezattament ghal x'hiex kien qieghed ihallas, izda meta ibnu kien jitolbu il-hlas f'isem l-intimata huwa dejjem

qabad u hallas u esebixxa prospett illi wera illi fil-fatt hallas aktar minn l-ammont dovut minnu. Ir-rikorrenti xehed ukoll illi anke jekk kellu jaghmel garanzija u bi zvista ma ghamilhiex sabiex tkopri ukoll il-health insurance, huwa dispost illi jaghmilha u ghalih hija haga zghira u il-Qorti hija konvinta illi ir-rikorrenti kien qieghed jixhed is-sewwa. Finalment ir-rikorrenti xehed illi huwa dejjem hallas il-manteniment dovut lill-martu, anzi hallas aktar u obbliga ruhu illi ser jaghmel il-garanzija sabiex tkopri l-erba' mitt lira Maltin (LM400) li ghandu jhallas lill-intimata kull sena u jestendiha sabiex tkopri ukoll il-polza ta' assikurazzjoni fuq is-sahha tal-intimata.

Ikkunsidrat :

Illi l-avukat difensur tal-intimata ikkontenda illi l-kwistjoni principali hija illi jekk jinghata id-divorzju l-intimata mhux ser jibqalha id-dritt illi tirrikorri lill-Qorti tramite il-proceduri ta' medjazzjoni jekk hija tkun trid li jizdidilha il-manteniment.

Ikkunsidrat :

Illi wara li l-Qorti ezaminat il-Ligi dwar id-divorzju rat illi kull ma trid tindaga din il-Qorti sabiex takkorda talba ghall-hall taz-zwieg tal-partijiet huwa illi tara jekk il-partijiet ilhomx separati ghal mill-anqas erba' snin, jekk hemmx prospett ragjonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u jekk hemmx manteniment dovut minn xi wiehed jew wahda mill-partijiet, jew lejn il-parti l-ohra, jew lejn l-ulied minuri. Illi una volta jigu sodisfatti dawn it-tlett rekwiziti il-Qorti ma ghandha xejn aktar x'tezamina u trid bil-fors tghaddi sabiex tilqa t-talba u tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet. Il-Qorti ma tistax tidhol fl-ebda materja jew kriterju iehor u ghalhekk it-tezi tal-intimata ma tregix.

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti wara li rat illi ir-rikorrenti issodisfa il-kriterji kollha mehtiega mill-Ligi biex zwieg jigi mahlul, qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza

lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------